**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, il-Ħamis, sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2024

Kawża Nru 227/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

vs

**Joseph Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Joseph Buttigieg,** iben Angelo u Pauline nee Cassar, imwieled Għajnsielem, Għawdex fit-tlettax (13) ta' Awwissu 1964, u residenti "Sea View" Triq Cordina, Għajnsielem detentur tal-karta tal-identita numru 32964(G) fejn huwa ġie akkużat talli:

(1) nhar is-sebgħa (7) ta' Gunju 2021, għall-ħabta tat-tlieta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (14:45hrs) fil-Port tal-Mgarr, bl-opra tal-baħar irreġistrata bl-isem 'Bella' huwa naqas milli jikkuntattja l-Mgarr Port Control u żbarka fuq il-moll numru tnejn (2) kif wkoll nhar l-għoxrin (20) ta' Ġunju 2021 għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30hrs) u n-nofs siegħa (12:30hrs), is-sagħtejn u nofs (14.30hrs) kif ukoll fl-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar (16.30hrs), huwa żbarka erba' darbiet f'zona pprojbita;

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi huwa naqas li jħares direttiva mogħtija mill-Awtorita' fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha jew li naqas li jħares xi disposizzjoni jew ta' xi regolamenti magħmula taħtha, bi ksur tar-Regolament 42 tal-Kapitolu 352 Att Dwar Portijiet u Bastimenti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond ir-Regolament 45 tal-Leġislazzjoni Sussidarja 499.52, tapplika l-provvediment tar-Regolament 47(1) u tiskwalifika lil Joseph Buttigieg (ID 32964G) milli jkollu liċenzja għal żmien ta' tnax -il xahar mid-data tas-sejbien tal-ħtija.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta tal-erbgħa (4) ta' Ġunju 2024, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża eżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' x-xhieda prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jerġgħu jiġu sottomessi d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura inkluż wkoll ix-xhieda li iddeponew quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li iddeponew quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti f'dan il-każ huma brevement is-segwenti: -

F'Ġunju 2021 l-Awtorita' tat-Trasport irċeviet diversi rapporti mingħand ħaddiema tagħha stess li nhar is-sebgħa (7) ta' Ġunju 2021 fit-tlieta neqsin kwart ta' wara nofsinhar (14:45hrs) l-akkużat naqas li jagħmel kuntatt mal-Mġarr Port Control huwa u dieħel fil-Port tal-Imġarr u żbarka fuq il-moll numru tnejn (2). Fl-għoxrin (20) ta' Ġunju 2021 l-istess akkużat kien wkoll f'ħinijiet differenti tal-ġurnata żbarka f'zona ipprojbita.

Ikkunsidrat:

Huwa ben saput li fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Hija trid tosserva dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule*, l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret sabiex tilħaq il-grad tal-prova rikjest għall-fini ta' sejbien ta' ħtija. Fil-każ in diżamina in sostenn tal-każ tagħha l-Prosekuzzjoni ressqet tlett xhieda: Marcel Meilak, Rudolph Muscat u Joseph Attard. Marcel Meilak u Rudolph Muscat ma kellhom l-ebda involviment fil-każ. Sempliċiment huma ġew infurmati bl-allegati infrazzjonijiet li kienu saru u kellmu lis-superjuri ta' fuqhom. Għalhekk dak li xehdu huwa purament *detto del detto*. Dan irriżulta bl-aktar mod ċar mill-kontro-eżami li sar lil dawn iż-żewġ xhieda:

> *"Dr Kevin Mompalao: Jiġifieri inti as such ma kellekx involviment direttament fil-każ, ħlief li irċivejt l-emails biex imbagħa joħorġu ċ-ċharges eventalment.*
>
> *Rudolph Muscat: Iva"*[1]

****

[1] Xhieda ta' Rudolph Muscat mogħtija fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Novembru 2023.

*"Dr Kevin Mompalao: Jiġifieri inti ma tafx dan li għidtilna daħal jieħu l-petrol, etc, ir-refulling għax qallek ħaddieħor.*

*Marcel Meilak: Għax qalli l-port inspector għax ra mit-turretta li ħa jagħmel refuelling.*

*Dr Kevin Mompalao: U l-istess meta kieku bniedem jgħajjat fuq iċ-ċhannel ma tkunx int li tisimgħu dan.*

*Marcel Meilak: Jisimgħu l-port inspector li jkun on duty. Dak jiena ma nkunx erbgħa u għoxrin siegħa xogħol."*[2]

Ix-xhieda ta' Marcel Meilak u Rudolph Muscat għalhekk għandhom jiġu skartati kompletament. Dan apparti l-fatt li Meilak isemmi fuq allegat refuelling bla permess, liema każ lanqas ma jiffigura fl-akkużi kif formulati.

Il-Prosekuzzjoni tellgħet wkoll il-Port Inspector Joseph Attard. Dan suppost kien il-persuna li kif indika Marcel Meilak kien involut direttament fil-każ u ra l-allegati infrazzjonijiet jsiru. Madanakollu minn eżami tax-xhieda tiegħu, dan ma ta l-ebda dettalji fuq l-akkużi li qed jiġu

---

[2] Xhieda ta' Marcel Meilaq mogħtija fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Novembru 2023.

addebitati lill-akkużat. Ix-xhud sempliċiment jindika li seta' kien il-każ li irrappurtah fuq xi ħaġa flimkien ma' dgħajjes oħra. Pero ma ipprovda l-ebda dettalji dwar ir-rapporti li huwa kien għamel fil-konfront ta' Joseph Buttigieg. Għalkemm huwa jikkonferma l-emails li ġew preżentati, jirriżulta li dawn l-emails b'eċċezzjoni ta' waħda kollha intbagħtu jew minn Marcel Meilak jew minn Patrick Pollacco u huwa sempliċiment kien qed ikun ikkuppjat fihom. Joseph Attard ma kienx l-awtur ta' dawn l-emails. L-unika *email* li kiteb Joseph Attard kienet dik datata għoxrin (20) ta' Ġunju 2021 fejn qal li: *"For your information only Mr Joseph Buttigieg of Bella is not cooperating with our instructions, his actions are either causing delays in our daily operation or being of dangerous nature. Kindly treat this as very serious."* Din l-email pero hija pjuttost ġenerali u ma tispeċifikax l-ordnijiet li ingħataw u allegatament ġew injorati mill-akkużat. Di piu, fix-xhieda tiegħu Joseph Attard lanqas ma jitfa' dawl fuq x'wassal biex inkitbet din l-email. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti ma tistax tasal għall-konvinċiment morali u lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-akkużat huwa ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Il-każ tal-Prosekuzzjoni huwa wieħed dgħajjef għall-aħħar u x-xhieda li ġew prodotti bl-ebda mod ma tefgħu dawl fuq l-akkużi li qegħdin jiġu addebitati lill-akkużat. Biex ħarġu dawn it-tip ta' akkużi bil-fors li kien hemm *enforcement officer* jew uffiċjal ieħor li kien direttament involut fil-każ u ċioe li ra l-infrazzjonijiet jsiru, ħa d-dettalji ta' dak li seħħ u wassal dawn id-dettalji lis-Superjuri tiegħu biex inħarġu l-akkużi. Mill-atti pero dan ma rriżultax. Il-Qorti ma tistax tuża l-immaġinazzjoni tagħha u tagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tal-

Prosekuzzjoni.  Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti sejra tkun kostretta li tillibera lill-akkużat mill-akkużi kollha li ġew dedotti fil-konfront tiegħu għas-sempliċi raġuni li dawn l-akkużi assolutament ma ġewx pruvati.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-**Qorti mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati** tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tiegħu u għalhekk qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur